MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Numru. 11/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**

**vs**

**Clive Bianco**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Clive Bianco ta’ 28 sena, bin Joseph u Frances nee’ Busuttil, mwieled Pieta’ nhar id-29 ta’ Settembru 1981, residenti Flt 38, Qasam ta’ Ganza, Blokk D, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 537981(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar l-24 ta’ Dicembru 2009, fiz-Zejtun, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reati li jaf li ma sarux , inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reati b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dawn ir-reati kienu saru.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ vettura Volkswagen Passat bin-numru tar-registrazzjoni GAK845, liema hsara tiskorri l-mija u sittax-il ewro izda anqas minn elf mija u sittin ewro u li saret ghad-detriment tal-kumpanija John’s Garage Ltd.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta’ Marzu 2010 (esebit a fol.7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta’ Marzu 2010, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Clive Bianco ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu hekk kif registrata fl-udjenza tas-16 ta’ Gunju 2010.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-24 ta’ Dicembru 2009 l-imputat li dak iz-zmien kien ix-xufier tas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Mario Galea ghamel rapport lil Pulizija li xi hadd kien barax il-vettura

bin-numru tar-registrazzjoni GAK 845 liema vettura kienet tintuza mis-Segretarju Parlamentari Galea. Il-vettura fil-fatt kellha grif estensiv u kliem offensiv fil-konfronti tas-Segretarju Parlamentari. Minn investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija rrizulta li l-Onorevoli Galea l-ahhar li kien ra l-vettura kien il-lejl ta' qabel, ghall-habta ta' nofs il-lejl meta l-imputat kien wasslu d-dar u imbaghad telaq bil-vettura. L-imputat qal lil Pulizija li wara li wassal lil Onorevoli Galea d-dar kien mar ghand huh u dam ghandu sat-3.00am u mbaghad kien mar id-dar fejn ipparkja l-vettura quddiem id-dar u l-ghada fllghodu kien sabha mibruxa u milquta u sab zewg gebliet mal-art hdejn il-vettura. Meta l-Pulizija kelmet lil hu l-imputat irriskontrat xi diskrepanzi bejn dak li qal l-imputat u dak li qal huh u ghalhekk il-Pulizija bdiet tissuspetta li l-imputat ma kienx qed jghid il-verita'. Meta l-imputat gie kkonfrontat bid-diskrepanzi bejn iz-zewg verzjonijiet huwa ddecida li jghid il-verita' u fil-fatt spjega lil Pulizija li effettivament wara li kien wassal lill-Onorevoli Galea id-dar kien mar Hal-Ghaxaq jiltaqa' ma habiba tieghu fejn dam sat-3.00am u meta kien qed isuq lejn id-dar habat bil-vettura meta marret ghajnu bih u baqa' diehel f'hajt tas-sejjieh. Huwa saq lejn id-dar izda mbaghad iddecieda li jerga jmur fuq il-post fejn habat u kien ser icempel lil Pulizija izda mbaghad beda' jibza li seta' jitlef ix-xoghol u ghalhekk qabad gebla minn mal-hajt tas-sejjieh u beda' jigref il-vettura u jhazzez xi kliem mal-genb tal-vettura sabiex jidher li kien sar att vandalu. Huwa ha l-gebla mieghu u rega' mar id-dar u pparkeggja l-vettura quddiem il-bieb tad-dar u qieghed il-gebla mal-art hdejn il-vettura. L-ghada filghodu ghamel ir-rapport lil Pulizija. Dan kollu jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jeffrey Cilia kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat (inserita a fol. 17 sa 19 tal-process).

Illi l-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kemm minn dak li jirrizulta mill-istqarrija minnu rilaxxjata kif ukoll minhabba l-ammissjoni minnu registrata.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Clive Bianco, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex

triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-imputat tilef l-impjieg tieghu bhala konsegwenza ta' dak li ghamel u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandu jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 110(2) u 325 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------